Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

# Minuti

**Data:** It-Tnejn, 15 ta' Lulju 2019

**Post:** Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Ħin:** 17:30

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Assenti:**
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## 23.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 22

23.1.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 22.

23.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Joseph Cordina, l-Eżekuttiv approva l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.22.

## 23.2 Punti li joħorġu mill-minuti

| | |
|---|---|
| **23.2.1 Sejħa għas-servizzi ta' poloz tal-Assigurazzjoni għall- Assoċjazzjoni u l-Kunsilli Lokali** | Il-President semma li l-Board tal-Aġġudikazzjoni għandu jikkonkludi fuq is-suġġett mill-aktar fiss possibli. Il-Board li kollha kienu preżenti kkonkludew u talbu lis-Segretarja tipproċedi billi tikkonkludi l-Board ser jitlob li din is-sejħa titwaqqaf sabiex l-Assoċjazzjoni tingħata ċ-ċans li terġa' toħroġ sejħa bi kriterji aktar ċari. |
| **23.2.2 Sejħa għall-offerti fuq servizz ta' Traffic Management System li titratta l-Ħruġ ta' Permessi** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għamlet stħarriġ u l-Kunsilli Lokali kollha ssottomettew ir-rispons tagħhom u jaħreġ biċ-ċar li l-ammont ta' ħin li l-Kunsill Lokali qed jinvesti fil-ħaddiema biex ikun jista' joffri dan is-servizz. Il-President semma li r-riżultat ta' l-istħarriġ ġie pubblikat u ċirkulat mal-Kunsilli Lokali. Il-President semma li din is-sistema ser tgħin biex l-ħaddiema jiġu allokati xogħol ieħor li jkun ta' benefiċju għall-Kunsill Lokali. Chev. Paul Farrugia semma l-problema ta' nuqqas ta' infurzar li mhix tgħin fiż-żamma tal-ordni fil-lokalitajiet. |
| **23.2.3 Ħruġ ta' Kuntratti Reġjonali tal-Ġbir tal-Iskart – Konsultazzjoni mis-Sindki** | Il-President fakkar li g]add fadal Reġjuni li kieny għaddhom m' għaddewx l-informazzjoni. Talab lil Presidenti Reġjonali sabiex jikkomunikaw mas-Sindki ta' kull lokalita' sabiex is-sejħa li toħroġ fuq bażi Reġjonali tkun tirrifletti l-bżonnijiet ta' kull lokalita'. |

**23.2.4 Fondi LESA Attivitajiet Kulturali**

Il-President semma li saru żewġ sessjonijiet informattivi waħda f' Malta u oħra f' Għawdex u li għalihom attendew diversi Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi.

**23.2.5 Kors għall-Kunsilliera f' Settembru**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni b' kollaborazzjoni mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kif ukoll l-NAO kienu gaħddejjin bil-preparamenti meħtieġa kif ukoll ser tkun organizzata Konferenza Stampa, l-Erbgħa, 24 ta' Lulju 2019.

**23.2.6 M.Sc fil-Governanza u l-Immaniġjar**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed terġa' tiffinanzja parti mill-ispiża għall-istudenti u li kienet ser issir it-tnedija ta' dan it-taħriġ l-Erbgħa. 24 ta' Lulju 2019.

**23.2.7 Konferma mill-Ministru rigward l-Apoloġija li intbgħatet mill-Assoċjazzjoni minħabba n-nuqqas ta' attendenza ta' wieħed mill-Membri tal-Eżekuttiv**

Il-President informa li wara li s-Segretarja infurmat lid-Diviżjoni rigward id-deċiżjoni tal-Eżekuttiv fuq in-nuqqas ta' attendenza tas-Sur Joseph Cordina mill-laqgħat tal-Eżekuttiv, il-Ministru laqa' t-talba tal-Assoċjazzjoni u għaldaqstant il-post tal-Membru m' għandux jiġi ddikjarat vakant.

## 23.3 Rapport ta' Ħidma AKL għat-Tieni Kwart tas-Sena 2019 (April – Ġunju)

23.3.1 Il-President preżenta r-Rapport ta' Ħidma li kien diġa intbgħat lill-Eżekuttiv għall-attenzjoni tagħhom.

23.3.2 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-Rapport preżentat.

## 23.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Reviżjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2019

23.4.1 Il-President preżenta tar-Reviżjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2019 li kien diġa intbgħat lill-Eżekuttiv għall-attenzjoni tagħhom.

23.4.2 Il-President ta ħarsa lejn il-figuri li ġew reveduti u r-raġunijiet li kienu elenkati fid-dokument preżentat.

23.4.3 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Micheal Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-Estimi.

**23.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2019**

23.5.1 Il-President preżenta r-Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-sena 2019 li kien diġa intbgħat lill-Eżekuttiv għall-attenzjoni tagħhom.

23.5.2 Il-President spjega l-figuri u ta ħarsa lejn Overview elenkata fl-istess Rapport preżentat.

23.5.3 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Joseph Cordina, l-Eżekuttiv approva r-Rapport preżentat.

**23.6 Re-Branding u Pjan Strateġiku tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Logo tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

23.6.1 Il-President preżenta lill-Eżekuttiv l-logo propost tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

23.6.2 Il-President spjega li dak preżentat kien xogħol preliminari u għaldaqstant fil-laqgħa li jmiss ikun qed jippreżenta l-manwal fejn jagħti aktar indikazzjoni ta' kif jista' jiġi użat l-logo u b' liema kuluri.

23.6.3 Fuq proposta tal-Eżekuttiv, issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-logo propost.

23.6.4 Il-President semma li fl-istess ħin l-Assoċjazzjoni qiegħda taħdem fuq il-Pjan Strateġiku għall-ħames snin li ġejjin u li qed ikun pjanat li jkun lest għal-Laqgħa Plenarja ta' Ottubru.

## 23.7 Laqgħa Plenarja – Ottubru 2019

23.7.1 Il-President semma li inġabru l-kwotazzjonijiet u l-Laqgħa ser tkun qed tiġi organizzata s-Salina Hotel.

23.7.2 Il-President semma li fil-laqgħa ser jiġi preżentat il-Pjan Strateġiku tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għal dawn il-ħames snin li ġejjin.

23.7.3 Il-President semma li l-Presidenti tar-Reġjuni ser ikunu mistiedna jagħmlu preżentazzjoni fuq l-irwol u x-xogħol tar-Reġjun.

## 23.8 Preżentazzjonijiet tal-Proposti għall-Attivitajiet li jippromovu teambuilding għas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi

23.8.1 Il-President semma li kien hemm kumpanija waħda li kienet interessata li tiltaqa' mal-Assoċjazzjoni u tifformola proposti.

23.8.2 Il-President semma li f' Ottubru ser tkun qed issir attivita' ġewwa l-Belt Valletta għas-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema fejn ser issir iPad Challenge bejn il-gruppi. Semma wkoll li wara ser ikun organizzat ukoll networking lunch għal dawk li jattendu.

23.8.3 Il-President semma li għall-ħabta ta' Mejju 2020 tiġi organizzata attivita' oħra simili f' Għawdex.

23.8.4 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Micheal Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-proposti.

23.8.5 Is-Sur Anthony Mifsud daħal għal-laqgħa fis-18:27.

23.8.6 Is-Sur Mark Grech talab li jkun skużat u ħalla l-laqħa fis-18:30.

## 23.9 Kommunikazzjoni mill-President

**23.9.1 ADMin4ALL**

Il-President semma l-Assoċjazzjoni għaddejja b' komunikazzjoni mal-IOM biex tippartecipa fi proġett kif ukoll tinvolvi kemm jista' jkun Kunsilli Lokali għall-taħriġ fuq Servizz Pubbliku mogħti aħjar fid-dalw tal-isfidi tal-Integrazzjoni. Il-President semma li dan il-proġett ser ikun totalment iffinanzjat minn Fondi Ewropej u għaldaqstant, kemm l-Assoċjazzjoni kuf ukoll il-Kunsilli Lokali li ser jippartecipaw mhux ser ikollhom impatt finanzjarju.

**23.9.2 CLGF**

Il-President semma l-Konferenza ta' CLGF li kienet ser issir Sir Lanka din is-sena kellha tiġi posposta għas-sena 2020 u li x' aktarx ser issir ġewwa l-Asja.

**23.9.3 Mozzjoni – Proġett DB**

Il-President talab li fid-dawli tal-iżviluppi li kienu għaddejjin lokalment ħass il-ħtieġa li b' soledarjeta' mal-Kunsilli Lokali affettwati mill-Proġett ta' Żvilupp tal-Grupp DB ġewwa l-lokalita' ta' Pembroke għandu jressaq mozzjoni b' appoġġ.

Is-Sur Micheal Fenech Adam semma li fuq il-Board tal-Awtorita' tal-Ippjanar għandu jkun hemm mhux biss is-Sindki ta' dawk il-Kunsilli Lokali imma wkoll rappreżentat mir-Reġjun. Semma li bħala Kunsilli Reġjonali għandhom ikunu kkonsultati wkoll.

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali żżomm id-dritt li taġġorna l-pożizzjoni tagħha jekk kemm-il darba jkun hemm żviluppi fil-fatti. L-Assoċjazzjoni irreaġixxit għal dak li ħarġet il-Media għaldaqstant huwa fl-interess tal-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Iżviluppaturi li jiċċaraw jekk hemm xi punti li ħarġu fil-Media u li mhumiex korretti.

Il-Mozzjoni li ġiet preżentata u li tinsab ukoll annessa u

mmarkata bħala Dok A , fuq proposta tal-President, issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi u is-Sur Joseph Cordina, l-Eżekuttiv approva unanimament l-Mozzjoni preżentata

**23.9.4 Data Management System – AKL**

Il-President semma li għadu għaddej ix-xogħol u r-rapporti li hemm bżonn isiru biex tiġi mibnija din is-sistema. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed taħdem ukoll fuq KPIs biex dawn jgħinu fit-tmexxija tal-Amministrazzjoni.

**23.9.5 Laqgħat mal-Awtorita' tal-Artijiet**

Il-President semma li kien hemm laqgħa mal-Awtorita' tal-Artijiet biex possibilment jibdew taħdidiet biex ikun jista' jkun hemm aċċess mill-Kunsilli Lokali għar-Reġistru tal-Amministraturi tal-Blokok. B' diżapunt, il-President semma li l-Awtorita' la għandha r-riżorsi u lanqas għandha l-faċilita' li tiġbor din l-informazzjoni kollha. Semma li kien infurmat li l-Awtorita' ser tkun qed toħroġ sejħa biex jibdew jinġabru l-offerti biex jiġi offrut dan is-servizz.

Semma wkoll li bdew taħdidiet mal-MTA u GRTU biex possibilment ikun hemm aċċessibbli reġistru ta' negozji li dan ser jgħin anki minħabba l-kuntratti tal-iskart kummerċjali.

**23.9.6 Konsultazzjoni fuq il-Proposti ta' Swieq fil-Beraħ**

Il-President semma li mill-informazzjoni li għandu din il-konsultazzjoni reġgħet infetħet għal xi emendi fuq talba tal-GRTU. Il-President semma li għandu jivverifika jekk kienux saru xi emendi wara dan l-aġġornament. Filwaqt li l-President semma li huwa jibqa' jsostni li għandu jkun l-Kunsill Lokali li jiddeċiedi fejn jintrama l-monti.

**23.9.7 Żieda fl-Onorarja**

Il-President semma li d-Diviżjoni kien issa ħareġ l-informazzjoni kollha fuq iż-żieda fl-Onorarja tal-Memebri

Eletti.

Is-Sur Micheal Fenech Adami semma li kienet inġusta fuq il-Membri Ordinarjarji tal-AKL li ma kienx hemm l-ebda żieda fl-Onorarja tagħhom. il-President semma li dan minħabba l-fatt li ma kien hemm l-ebda żieda ta' responsabbilita' f' dan l-irwol.

**23.9.8 Kiri ta' karozza għall-użu tal-ħaddiema tal-AKL**

Il-President semma li minn ħin għall-ħin huwa jkun qed juża l-karozza għal-laqgħat li jsiru fuq barra u l-ħaddiema qed jispiċċaw jużaw il-karozzi privati tagħhom biex isir qadi relatat mal-uffiċju. Minħabba preokkupazzjoni ta' Assigurazzjoni, il-President ipropona li għandu jkun hemm kirja ta' karozza oħra żgħira li tkun tista' tintuża mil-ħaddiema.

Is-Segretraja preżentat il-kwotazzjonijiet miġbura. Fuq proposta tal-Eżekuttiv, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-kwotazzjoni għall-mudell ta' karozza Kia Picanto (2018).

**23.9.9 Rinovar tal-Board Room, Kurutur tas-Sala u Estensjoni tal-Bathroom**

Il-President semma li fadal issir rinovazzjoni tal-Board Room, jingħalaq parti mil-kurutur tas-sala biex tiġi kamra oħra fuq wara. Il-President propona wkoll li għandha tiżdied il-faċilita' ta' shower f' waħda mill-bathrooms.

Fuq proposta tal-Eżekuttiv, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva il-proposti msemmija.

## 23.10 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 23

23.10.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami u ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-21 ta' Ġunju 2019 u l-15 ta' Lulju 2019 li kienet tammonta għall-€25,228.23.

## 23.11 Aġġornament

23.11.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 22 t' Awwissu 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Lianne Mifsud**

**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.24 li nżammet nhar il-il-Ħamis, 22 t' Awwissu 2019.

**Mario Fava**

**President**

Local Government Association

Dok A.

15.07.19

**Mozzjoni dwar il-progett u applikazzjoni tal-Grupp DB gewwa l-lokalita ta' Pembroke b' appogg ghall-Kunsilli Lokali u residenti ta' San Giljan, Swieqi u Pembroke;**

**Introduzzjoni;**

Illi din il-mozzjoni mressqa mill-President tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali titratta s-sitwazzjoni incerta, tedjanti u ta' nkwiet li qed jghixu fiha r-residenti tal-lokalitajiet imsemmija minhabba l-progett propost mill-grupp DB gewwa l-konfini tal-lokalita' ta' Pembroke illi izda se jhalli wkoll impatt negattiv fuq il-lokalitajiet immedjati tal-madwar.

Huwa propju ghalhekk li bil-poteri li taghti l-ligi permezz ta' artiklu 7 tas-sitt skeda tal-Att dwar il-Gvern Lokali, Kapitlu 363 tal-Ligijiet ta' Malta, il-President tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali, bhala promotur u l-membri sottoskritti bhala sekondanti, qeghdin jaghmlu uzu minn dan id-dritt u cioe' li titressaq din il-mozzjoni fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju 2019.

**Il-fatti dwar il-kaz;**

Illi nhar l-Erbgha, 19 ta' Gunju 2019, il-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef Mark Chetcuti, irrevokat il-permess ghall-progett, moghti mill-Awtorita tal-Ippjanar fl-20 ta' Settembru 2018, fejn iddikjarat l-istess permess null u bla effett

Illi dan l-appell gie mressaq minn ghadd ta' organizazzjonijiet mhux governattivi flimkien mal-Kunsilli Lokali ta' Pembroke, Swieqi u San Giljan

Illi fis-sentenza tal-qorti tal-appell jinghad li; "l-Progett huwa wiehed massic u enormi b' riperkussjonijiet finanzjarji kbar u li ttiehed b' mod legger minn dawk li kellhom l-obbligu li jaraw li jevitaw kull ostaklu biex ikun hemm decizjoni gusta u bla dubji fuq percezzjonijiet ta' interess".

**Nirrikonoxxu;**

Illi bla dubju ta' xejn, li kull zviluppatur ghandu jkollu dritt li jissotometti l-progett tieghu. Bl-istess mod, l-irwol tal-Awtorita' tal-Ippjanar ghandha l-obligu li tara' li tali progett ikun skont il-Pjan Lokali kif ukoll li jhares l-aspett ambjentali. Li jkun hemm bilanc bejn dak propost u l-bzonnijiet tal-madwar, fosthom l-interessi tat-terzi. F' kaz bhal dan, ir-residenti u l-Kunsilli Lokali, li wara kollox jirraprezentaw lill-istess resident.

**Sitwazzjoni prezenti fil-lokalitajiet imsemmija;**

Illi fis-Swieqi, Pembroke u San Giljan hemm attivita' ekonomika kbira. Attivita' ekonomika li sfortunament iggib maghha wkoll aspetti negattivi. Dan ghaliex hija attivita' li primarjament tinvolvi tip ta' industrija li maghha ggor ghadd ta' problemi, fosthom u mhux biss; traffiku, problemi kbar ta' parkegg, hmieg, vandalizmu u abbuzi ohra. Kollha materji li jirrikjedu livell gholi ta' interventi infrastrutturali sabiex il-post jibqa' mizmum f' livell tajjeb. Attivita' li ggib maghha inkonvenjent lir-residenti ghaliex hafna drabi huwa mpossibli li jkun hemm kontroll u livell ta' sigurta' kif wiehed jixtieq.



Local Government Building,
Marsa Industrial Estate,
Marsa - MALTA.
T: +356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

Dawn huma kollha aspetti li wiehed irid ihares lejhom meta jigi biex jiehu decizjoni dwar progett bhal dan. Fl-opinjoni tal-Assocjazzjoni, dan ma sarx.

**Il-Progett innifsu;**

Illi l-progett ta' €300 miljun li jinkludi torri ta' 37 sular u lukanda ta' 17-il sular gie apporvat mill-bord tal-Awtorita minkejja li kien hemm aktar minn 4,500 oggezzjoni mill-pubbliku, ghaqdiet mhux governattivi u Kunsilli Lokali

**L-Infrastruttura;**

Illi iz-zona li qed nitkellmu fuqha, hija zona mizghuda b' ghadd ta' karozzi u makkinarju iehor ta' kostruzzjoni. Maghhom, ghadd ta' vetturi privati li hafna drabi jaghmulha mpossibli li wiehed jaccessa l-post bla ma jaghmel hin twil ta' stennija fit-traffiku. Dan mhux ghall-vetturi privati biss imma anki ghall-vetturi tal-forzi tal-ordni, sahha u sigurta'. L-ispazji ta' parkegg li hemm fiz-zona, huma ferm inqas mid-domanda li tezisti. Aghar minnhekk, il-prezzijiet li wiehed irid ihallas biex imur f' parkegg privat, f' certi granet u meta l-aktar li jkun hemm bzonnhom, huma eccezzjonali. Kien ghalhekk importanti l-ezercizzju li kien ser isir sabiex ikun hemm Master Plan ghal din iz-zona. Sfortunatament, dan il-Pjan sfaxxa qabel biss beda, u dan ghal zewg ragunijiet principali;

(i) Ma kienx hemm spjegazzjoni tajba ta' dan il-pjan, dwar x' ifisser, kif se jigi attwat u x' inhi l-vizjoni ghal quddiem;
(ii) Kien hemm min kellu interess li qabel jibda jipprova jisma' u jifhem, ghamel minn kollox biex ifixkel dan il-Pjan

F' din is-sitwazzjoni ma jaghmilx sens li naghtu permessi b' mod individwali bla ma naraw l-impatt ta' hafna permessi bhal dawn se jkollhom fuq il-lokal.

**Master Plan ghal Paceville;**

Illi minghajr pjan simili, ser nispiccaw b' ghadd ta' applikazzjoni separati fuq zoni differenti fl-istess akwata, li kollha se jkollhom karrateristici u bzonnijiet differenti.

Illi kull applikazzjoni u kull progett allura, ser jigi diskuss u approvat (jew le) fuq bazi individwali. Dan se jkun suwicidju ghall-lokal u n-nies taz-zona.

Illi dan il-Master Plan, kellu jahseb ghall-infrastruttra gdida. Kellu jahseb ghall-harsien tal-ambjent b' mod aktar hollistiku u kellu jaghti spazji lic-cittadin. Bil-mod kif qed isiru l-affarijiet, bhalma gara' f' din l-applikazzjoni, dan mhux isehh.

Illi jekk niehdu biss il-problema infrastrutturi, illum Paceville kif inhu, ghandu dahla wahda u 2 hargiet. Illi bi progett bhal u bla infrastrutta mahsuba sew, x' ser jigri biex iz-zieda ta' trafifku li ser ikun hemm, tibqa' taghmel uzu mill-istess infrastruttra. Dan jinkludi water culverts, sistemi ta' dranagg, zieda fid-domanda ghall-elettriku u ilma u bosta ohrajn.



Local Government Building,
Local Government Road,
Marsa Industrial Estate,
Marsa - MALTA.
T: +356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

Illi huwa biss meta jkollok din l-infrastruttura f' postha li wiehed jista' jibda jahseb biex jikkonsidra progetti ta' din il-portata. Hija l-infrastruttra li ghandha tiddetta xi progetti jsiru u mhux bil-kontra!

**Obbligu fuq l-izviluppatur;**

Illi din l-applikazzjoni u wara fil-permess moghti, ma kien hemm l-ebda obbligu fuq l-izviluppatur li jaghmel tajjeb ghal kull titjieb infrastrutturali li hemm bzonn.

Illi aghar minnhekk, rajna li l-unika proposta konkreta li saret biex jigi mmanigjat it-traffiku, hija mina taht l-art. Progett iehor li fih innifsu se jgib mieghu aktar inkonvenjent. Progett li ghad trid issir applikazzjoni ghalih u allura m'hemm l-ebda garanzija li l-permess se johrog.

Illi allura minghajr imqar approvazzjoni ta' permess simili, kif wiehed seta' jibda biss jiddiskuti applikazzjoni ghal progett tant kbir li se jhalli impatt negattiv massiv?

Illi huwa hawn u hawn biss, fejn wiehed jista' imbghad jimxi bil-kriterji legali u xi dritt ghandu wiehed jew l-iehor. Jekk l-izviluppatur ghandu dritt jibni, ir-residenti ghandu dritt jghix fil-paci u s-serenita' ta' daru. Dan ma giex ikkunsidrat f' din l-applikazzjoni u gie ikkunsidrat biss id-dritt tal-applikant.

**L-Oggezzjoni;**

Illi l-istess progett li kien immarkat li se jsir fuq is-sit li qabel kien maghruf bhala l-iskola tal-ITS kien se jkun ferm ikbar mill-binja ezistenti tal-istess istitut

Illi l-istess progett se jiggenera zieda konsiderevoli ta' traffiku, mhux biss waqt il-perjodu ta' zvilupp imma anki meta dan jitlesta

Illi l-istess zieda fit-traffiku ser ikollha mpatt engattiv fuq il-livell ta' tingis fl-arja li minnha se jbgħatu r-residenti taz-zona

Illi t-traffiku iggenerat, se jkun ta' dannu kbir ghan-negozji fiz-zona kif ukoll se jkollu impatt negattiv hafna fuq ir-residenti tal-lokalitajiet immedjati u vicin

Illi ma kien hemm l-ebda obligu fuq l-izviluppatur sabiex jara li jkun hu responsabbli finanzjarjament sabiex jaghmel żvilupp tal-infrastruttura kollha tal-madwar minn Bahar ic-Caghaq sal-Bajja ta' Spinola

Illi bla dubju ta' xejn, li min se johloq l-inkonvenjent, ghandu jara li jaghmel tajjeb ghal kull tip ta' spiza li se jkun hemm bzonn biex il-progett tieghu ikun wiehed sostenibbli u jtaffi l-impatt fuq il-kommunitajiet milquta.

Illi l-permessi mahruga qed jonqsu milli jaraw li din l-infrastruttra tkun lesta u qed tintuza qabel ma effettivament jibda l-progett

Illi t-tliet Kunsilli Lokali msemmija; Swieqi, Pemebroke u San Giljan, ma kellhomx l-opportunita li jaghtu l-vot taghhom bhala t-tliet lokalitajiet li se jkunu milquta mill-progett. Kunsill Lokali wiehed biss kien parti mill-Bord tad-decizjoni.

Illi qed jigi mitlub li f' kazijiet bhal dawn, il-Kunsilli li jmissu mall-konfini li fih ikun qed isir il-progett, ikunu bi dritt parti mill-Bord tal-Awtorita' u mhux Kunsill Lokali wiehed

Local Government Building
Local Government Road,
Marsa Industrial Estate,
Marsa - MALTA.
T: +356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

Local Government Association

**Applikazzjoni separata ghal skavar;**

Ninnutaw kif l-applikazzjoni PA05533/19 hija applikazzjoni separata ghal eskavar biss

Ninnutaw illi jekk kemm–il darba jinhareg dan il-permess, hija ovvja li warajh se jkun hemm applikazzjoni ghal zvilupp

Nifhmu li jekk se johrog il-permess ghall-eskavar, zgur mhux se tithalla hofra enormi bla uzu

Nifhmu li din hija biss tattika sabiex tigi applikata l-ligi tad-dritt tal-izviluppatur biex decizjoni twassal ghal ohra

Nifhmu li dan huwa attentat sabiex min irid joggezzjona, ma jkunx jista' juza kriterji dwar l-impatt tal-progett shih innifsu u fl-intier tieghu, ta' sulari ta' torri u lukanda. Dan ghaliex dan ma jkunx parti mill-applikazzjoni inizjali

Ninnutaw kif mhu jsir l-ebda referenza dwar x' se jsir u kif se jsir ir-rimi ta' kostruzzjoni li johrog mis-sit

Ninnutaw li l-anqas m' hemm pjan ta' kif dan se jinhareg mis-sit u minn liema toroq ser jghaddi u kif se jittaffa l-impatt negattiv fit-traffiku u infrastruttra li dan se jgib mieghu

Nifhmu li jekk din l-applikazzjoni tigi approvata wehidha kif sottomessa, allura dan jista' jaghti hjiel u dubji regjonevoli li diga nafu x' se jkun l-esodu ta' eventwalita' applikazzjoni ghall-izvulipp tal-progett, kif ghalih saret l-applikazzjoni u nghata permess f' Settembru tal-2018

**Konkluzjoni;**

L-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ghaldaqstant, qieghda toggezzjona fl-ewwel stadju ghal din l-applikazzjoni ta' skavar ghar-ragunijiet kollha moghtija hawn fuq ghaliex konxenzjozament konvinta li kemm din l-applikazzjoni kif ukoll l-eventwali progett huwa ta' dannu kbir mhux biss ghaz-zona tal-madwar imma wkoll ghal eluf ta' familji li permezz ta' dan il-progett ser jaraw tnaqqis fil-livell ta' ghajxien taghhom.

L-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali qed titlob ukoll lill-Awtorita tal-Ippjanar sabiex tikkunsidra li fuq il-Bord li se jevalwa dan il-progett, it-tliet Kunsilli Lokali ta' Swieqi, Pembroke u San Giljan, ikollhom rapprezentanza kull wiehed kif inhu xieraq. Dawn huma r-rapprezentati tal-poplu u huma l-ewwel livell ta' Gvern Lokali vicin ic-cittadin.

**Mario Fava**

**President**

Dr Samuel Azzopardi
Vice-President

Joe Cordina
Membru

15-07-19



Local Government Building,
Local Government Road,
Marsa Industrial Estate,
Marsa - MALTA.
T: +356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt